**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ġimgħa, dsatax (19) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 1608/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rachel Aquilina)**

Vs

**Ozkan Balik**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Ozkan Balik**, imwieled it-Turkija fl-ewwel (1) ta' Novembru 1983 u residenti Alexia Flats, Flat 6, Triq Alessandru, Birżebbugia, Malta detentur tal-karta tal-identita bin-numru 264025(A) talli nhar it-tletin (30) ta' Diċembru 2023 għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart ta' filgħodu (01:45hrs) u fil-ħin ta' qabel ġewwa Triq tal-

Barrani, Żejtun, Malta waqt li kien qed jagħmel użu mill-vettura DCS 189:

(1) f'post pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien fi stat ta' sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu inniffsu;[1]

(2) saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni;[2]

(3) saq vettura bil-mutur jew vettura oħra bla kont;[3]

(4) waqt li kien qed isuq, naqas li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura;[4]

(5) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li kienet fit-triq jew f'post pubbliku ieħor waqt li ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;[5]

(6) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur oħra fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkoħol li l-proporzjon tan-nifs, tad-demm jew tal-urina kienet iżjed mil-limitu preskritt;[6]

(7) saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;[7]

[1] Artikolu 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Regolament 68 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.
[5] Artikolu 15A(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[6] Artikolu 15B(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.
[7] Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta.

(8) saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.[8]

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ fil-qosor huma s-segwenti: nhar it-tletin (30) ta' Diċembru 2023 bejn is-siegħa u għoxrin minuta ta' filgħodu (01:20hrs) u s-sagħtejn u għaxra ta' filgħodu (02:10hrs), il-Pulizija kienu għaddejjin b'kontrolli fit-toroq. Preċiżament huma kienu qegħdin fi Triq tal-Barrani, Żejtun. Għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart ta' filgħodu (01.45hrs), il-Pulizija waqqfu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DCS 189. Il-Pulizija setgħu jinnutaw li qabel twaqqaf ix-xufier kien qed isuq fin-nofs tat-triq u meta sar lilu is-sinjal biex jitfa' għall-ġenb tal-lemin, dan ġibed lejn ix-xellug u wara reġa' ġibed lejn il-lemin. Il-Pulizija identifikaw lix-xufier li kien qed isuq din il-vettura bħala Ozkan Balik detentur tal-karta tal-identita numru 264025(A). Il-Pulizija setgħet tinnota li x-xufier kien taħt l-effett tal-alkoħol. Dan kemm mir-riħa li kellu fuqu kif wkoll mill-atteġġjament

[8] Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

tiegħu. Innutat wkoll li huwa ma kienx kapaċi jgħaqqad sentenza waħda meta mitkellem mill-Pulizija.

Il-Pulizija infurmat lill-imputat li kien se jsirlu t-test tal-breathalyser u infurmatu wkoll bid-drittijiet legali kollha tiegħu fosthom li kellu d-dritt jikkonsulta ma' Avukat tal-fiduċja tiegħu. Huwa rrifjuta dan id-dritt u għadda sabiex għamel it-test tal-breathalyser. Irriżulta li l-livell tal-alkoħol tal-imputat kien ta' mija u sitta u għoxrin milligramma (126mg). Il-Pulizija talbitu wkoll l-liċenzja tas-sewqan fejn l-imputat qal li kellux. Il-Pulizija infurmatu li kienu sejrin joħorġu l-akkużi kontra tiegħu.

Ikkunsidrat;

Fis-sottomissjonijiet tagħha d-difiża issollevat numru ta' eċċezzjonijiet li l-Qorti tqis li għandha tindirizza qabel tgħaddi sabiex tevalwa jekk l-akkużi maħruġa fil-konfront tal-akkużat jistgħux jitqiesu jekk jirriżultawx jew le. Xi wħud minnhom huma ta' natura ġenerali filwaqt li oħrajn jirreferu għal xi akkuża jew akkużi speċifiċi. Ikun opportun qabel xejn li din il-Qorti teżamina l-eċċezzjonijiet ta' natura ġenerali qabel ma tikkunsidra l-akkużi speċifiċi.

Fl-ewwel eċċezzjoni tagħha d-difiża tallega li l-persuna li twaqqaf dakinhar tat-tletin (30) ta' Diċembru 2023 ma kienx l-akkużat odjern. Dan għaliex fl-affidavit tiegħu PS 1405 Dylan Gerada qiegħed jirreferi għall-Ozhan Balik li twieled l-Italja. Din il-Qorti tgħid li d-difiża

m'għandhix raġun f'dan l-argument tagħha. Għalkemm fl-affidavit u fil-breathalyser chit irriżulta li hemm differenza żgħira fl-isem fis-sens li isem l-akkużat inkiteb "Ozhan" minflok "Ozkan" u fl-affidavit hemm indikat li dan twieled l-Italja, il-Qorti tinnota li l-karta tal-identita indikata fl-affidavit u fil-breathalyser chit hija identika bħal dik imsemmija fl-akkuża. Anke l-kunjom fl-istess affidavit u chit huwa l-istess bħal dak tal-akkuża. Jiġi innutat wkoll li fl-affidavit id-data tat-twelid kif wkoll l-indirizz tar-residenza ta' Balik jaqblu wkoll ma' dawk indikati fl-akkuża. L-iżball fl-isem huwa ovvju li huwa żball ta' tipa. Għalkemm hemm żball fil-pajjiż tat-twelid, tenut kont li d-dettalji l-oħra kollha fl-affidavit jaqblu, b'mod partikolari n-numru tal-karta tal-identita, din il-Qorti ma tqis li l-affidavit qiegħed jirreferi għal xi persuna oħra li mhux l-akkużat odjern. Għalhekk din l-ewwel eċċezzjoni tad-difiża qed tiġi respinta.

Id-difiża targumenta wkoll li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx l-aħjar prova għax ressqet biss xhud wieħed in sostenn tal-akkużi dedotti. Id-difiża tkompli isostni li fir-*road block* kien hemm aktar Pulizija involuti u tinsisti li l-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu li hija tinġunġi lil dawn l-uffiċjali tal-Pulizija sabiex isostni l-każ tagħha. Id-difiża hawnhekk lanqas għandha raġun. Il-fatt li l-Prosekuzzjoni ipproduċiet xhud wieħed biss ma jfissirx li dan għandu *a priori* jwassal għal-liberazzjoni tal-akkużat għaliex il-Prosekuzzjoni bil-produzzjoni ta' xhud wieħed biss jiġi li ma laħqitx il-grad tal-prova rikjest għall-sejbien ta' ħtija fi proċeduri kriminali. L-artikolu 638(2) tal-Kap 9 jagħmilha ċara li *"ix-xhieda ta' xhud biss, jekk*

*emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."* Għalhekk din l-eċċezzjoni wkoll qed tiġi respinta.

Fit-tielet lok id-difiża targumenta wkoll li ġie preżentat biss kopja tar-*road check warrant* u mhux vera kopja jew l-oriġinal tal-istess. Minn eżami tal-affidavit ta' PS 1405 Dylan Gerada, l-istess xhud jispjega li kontrolli fit-toroq kienu qegħdin isiru abbażi ta' mandat maħruġ mill-Ispettur Doriette Cuschieri.[9] Apparti minn hekk l-istess mandat kien anness u saret riferenza speċifika għalih fl-affidavit ta' PS 1405. Għall-Qorti dan ifisser li l-kopja li ġiet preżentata ġiet konfermata bħala li kienet vera kopja tal-mandat oriġinali li kien inħareġ u li abbażi tiegħu sar il-kontroll fi Triq il-Barrani, Żejtun li matulu twaqqaf l-akkużat. L-istorja kienet tkun kompletament differenti li kieku fl-affidavit ta' PS 1405 ma kien ikun hemm l-ebda riferenza għall-mandat maħruġ. F'dan il-każ il-kopja preżentata ma kinitx tkun tista' titqies li ġiet konfermata bil-ġurament bħala vera kopja tal-istess. Għalhekk din l-eċċezzjoni wkoll qed tiġi respinta.

Id-difiża teċċepixxi wkoll li l-akkużat ma ingħatax adegwatament id-drittijiet tiegħu wara li ġie imwaqqaf mill-Pulizija. Dan għaliex skont id-difiża l-akkużat ma fehemx il-portata ta' dak li kien qed jingħad lilu mill-Pulizija minħabba problema ta' lingwa.

[9] Ara l-ewwel paragrafu tal-affidavit ta' PS 1405 Dylan Gerada.

Fl-affidavit tiegħu PS 1405 Dylan Gerada jistqarr:

> *"Il-Pulizija nfurmatu bit-test tal-breathalyser u nfurmatu bid-drittijiet legali kollha tiegħu fosthom sabiex jikkonsulta ma' Avukat tal-fiduċja tiegħu, liema dritt ġie miċħud minn Ozhan u ffirma dikjarazzjoni għal dan. Il-Pulizija infurmatu bil-proċedura tat-test tal-breathalyser fejn Ozhan ikkonferma li ried jagħmel dan it-test u meta għall-ħabta tas-01.50am seħħ it-test irriżulta f'126.6ug/100ml."*[10]

Il-Pulizija fl-ebda ħin ma indika li l-akkużat deher li ma kienx qiegħed jifhem dak li kien qiegħed jingħad lilu. Huwa minnu li forsi l-akkużat ma kienx fluwenti fl-Ingliż għaliex l-istess Pulizija jgħid li kellu diffikulta biex jgħaqqad sentenza. Pero l-Pulizija fl-ebda ħin ma ta x'jifhem li kien hemm problema ta' komunikazzjoni mal-istess akkużat u li t-tnejn ma setgħix jiftehmu. Li kieku effettivament l-akkużat ma kienx qed jifhem, din il-Qorti tqis li huwa la kien sejjer jiffirma d-dokument dwar ir-rinunzja tad-drittijiet legali kif wkoll lanqas ma kien sejjer jistqarr mal-Pulizija li ma kellux liċenzja. Persuna li ma tkunx qed tifhem la twieġeb għal mistoqsijiet li jsirulha jekk ma tkunx fehmet l-istess u wisq u wisq

[10] Affidavit ta' PS 1405 Dylan Gerada, l-ewwel paragrafu. Affidavit esebit bħala Dokument A fis-seduta tal-għaxra (10) ta' Mejju 2024.

anqas m'hija sejra tiffirma dokumenti li ma tkunx konxja tal-kontenut tagħhom.  Il-fatt li l-akkużat volontarjament għażel li jiffirma l-istess dokumenti għall-Qorti huwa indikazzjoni ċara li huwa fehem il-kontenut.  Il-Qorti għalhekk lanqas ma tqis li d-difiża għandha raġun f' din is-sottomissjoni tagħha.  Għalhekk m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-proċedura tat-test tal-breathalyser għandha tiġi skartata skont kif tippretendi d-difiża.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis l-akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat u tara jekk dawn jirriżultawx mill-provi prodotti.

- **<u>L-Ewwel (1) Akkuża – Artikolu 338(ff) tal-Kap. 9</u>**

Ir-reat kontravvenzjonali ravviżat f'dan l-artikolu jistipula li persuna titqies li tkun ħatja ta' dan ir-reat jekk hija tkun fi stat ta' sakra b'mod li ma tkunx tista' tieħu ħsieb tagħha inniffisha.  Għalhekk mhux kwalunkwe sokor jista' twassal għal dan ir-reat: is-sokor irid iwassal lill-persuna biex hija ma tkunx f'posizzjoni li tieħu ħsieb tagħha.  Il-Qorti għalhekk tistenna li sabiex tinstab ħtija għal dan ir-reat il-Prosekuzzjoni riedet turi li tal-anqas l-akkużat ma setax jimxi jew iqum fuq saqajh jew inkella kien adirittura mitluf minn sensieh jew inkella iġġib provi oħra li jwasslu lill-bniedem ordinarju sabiex dan oġġettivament jikkonkludi li verament il-persuna in kwistjoni kien fi stat ta' sakra akut.

Huwa minnu li PS 1405 jgħid li l-akkużat ma kienx kapaċi jgħaqqad sentenza waħda meta mitkellem mill-Pulizija; pero b'daqshekk dan ma jindikax li l-akkużat kien tant fi stat ta' sakra li ma setax jieħu ħsieb inniffsu. Kif ġia indikat, mix-xhieda tal-uffiċjal tal-Pulizija huwa ċar li l-Pulizija irnexxielha tikkomunika mal-akkużat u fl-ebda ħin ma kien hemm dubju dwar jekk l-akkużat kienx qed jifhem dak li kien qed jgħidlu l-uffiċjal tal-Pulizija involut. Infatti huwa iffirma d-dokument tar-rinunzja tad-drittijiet legali u meta ġie mitlub mill-Pulizija jekk kellux liċenzja tas-sewqan huwa stqarr li ma kellux. Li kieku kien hemm stat akut ta' sokor, il-Qorti tqis li l-akkużat la kien ikun f'posizzjoni li jiffirma d-dokument tar-rinunzja tad-drittijiet legali u wisq u wisq anqas li jindika jekk kellux liċenzja tas-sewqan jew le. **<u>Għalhekk din l-ewwel akkuża ma tirriżultax</u>**.

- **<u>It-Tieni u t-Tielet Akkuża – Artikolu 15(1)(a) (Sewqan Traskurat u Bla Kont)</u>**

L-artikolu 15(1)(a) jikkontempla tlett (3) tipi ta' sewqan li kollha kemm huma jattiraw sanzjonijiet penali; pero ma jistgħux jitpoġġew fl-istess keffa u waħda tista' tgħid li hija aktar gravi mill-oħra. Ta' importanza hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[11] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat b'mod ċar id-distinzjoni bejn dawn it-tlett (3) tipi ta' sewqan:

[11] Deċiża fis-6 ta' Mejju 1997 u Riportata f'Volum LXXXI.iv.57.

*"… … Din il-Qorti hi tal-fehma li jkun utli li wieħed jiddistingwi bejn is-sewqan b'nuqqas ta' kont, is-sewqan traskurat u s-sewqan perikoluż imsemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 15 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) (reckless driving, negligent driving u dangerous driving fit-test Ingliż). Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku, in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 15 bħala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (dangerous driving)*

*jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluż il-ħin u l-lokalita tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment sewqan f'kull każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena, l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz (ara The Police vs Charlotte Chamberlain, Appell Kriminali, 21/5/96)."*

Minn eżami tal-provi din il-Qorti hija tal-fehma li l-akkużat kien qiegħed isuq b'mod traskurat. Dan għaliex kif jispjega PS 1405 Dylan Gerada l-akkużat kien qed isuq fin-nofs tat-triq. Infatti jidher li kien dan it-tip ta' sewqan li wassal lill-Pulizija sabiex iwaqqfu lill-akkużat. Bħala sewwieq ta' vettura li suppost jaf l-affarijiet tiegħu, l-akkużat kien mistenni li huwa jsuq fil-karreġġjata propja tiegħu u mhux li jintefa' fin-nofs tat-triq. Il-fatt li m'għamilx jekk jindika li huwa ma kienx prudenti fis-

sewqan tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-Qorti ma tarax li jeżistu l-estremi li jistgħu jwassluha sabiex hija tikkonkludi li kien hemm sewqan bla kont da parti tal-akkużat. Ma rriżultax li l-akkużat f'xi ħin deliberatament ħa riskji fis-sewqan tiegħu li ma kellux għalfejn jieħu minħabba l-probabbilita ta' ħsara li tista' tiġri lil ħaddieħor. **Għalhekk filwaqt li sejra issib ħtija fit-tieni akkuża mhux sejra issib ħtija fit-tielet akkuża**.

- **Ir-Raba' (4), il-Ħames (5) u s-Sitt (6) Akkuża – Regolament 68 L.S. 65.11 u Artikoli 15A(1) u 15B(1) tal-Kap. 65**

Kif ġia ingħad m'hemm l-ebda raġuni għalfejn it-test tal-breathalyser għandu jiġi skartat minn din il-Qorti. It-test sar bis-salvagwardji kollha tad-drittijiet tal-akkużat. Huwa ċar li l-livell ta' alkoħol fil-persuna tal-akkużat kienet ħames darbiet aktar mil-limitu stabbilit mil-liġi: infatti kellu mija u sitta u għoxrin punt sitta milligrammi (126.6) f'mitt (100) milliltru ta' nifs meta l-limitu preskritt huwa dak ta' tnejn u għoxrin milligramma (22mg). **Għalhekk din is-sitt akkuża ġiet pruvata wkoll.**

La darba tirriżulta ħtija fis-sitt (6) akkuża maħruġa taħt l-artikolu 15B(1) tal-Kap. 65, sejra wkoll awtomatikament tirriżulta ħtija **fil-ħames (5) akkuża**. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andrew Falzon** deċiża fit-tmienja (8) ta' Ġunju 2007, la darba r-reat kontemplat fl-artikolu 15B(1) tal-Kap. 65 huwa marbut ma' livell partikolari ta' alkoħol u jinqabeż dak il-limitu allura hemm il-presunzjoni *juris et de jure* li dak li jkun ma kienx f'kundizzjoni li jsuq

minħabba xorb.  La darba l-persuna hija taħt l-effett tax-xorb, dan awtomatikament jimplika wkoll li l-persuna ma jistax jkollha kontroll sħiħ u effettiv tal-vettura u lanqas ma tista' tkun f'posizzjoni li issuq l-istess vettura.  Huwa għalhekk li sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 15B(1) tal-Kap. 65 awtomatikament iwassal għall-sejbien ta' ħtija fl-artikolu 15A(1) tal-Kap. 65.  Il-fatt li l-akkużat ma kellux kontroll sħiħ tal-vettura jsib konferma fil-fatt li meta l-Pulizija għamlu s-sinjal lill-akkużat biex jitfa' mal-ġenb tal-lemin, dan minflok mar lejn ix-xellug u imbagħad ġibed għal-lemin.  In vista ta' dak li qiegħed jingħad, **ir-raba' (4) akkuża għalhekk għandha titqies li ġiet pruvata wkoll**.

Għall-fini ta' kalibrazzjoni ta' piena l-Qorti sejra tikkunsidra r-raba' (4) u l-ħames (5) akkuża bħala kompriżi u involuti fis-sitt (6) akkuża.

- **Is-Seba' Akkuża – Artikolu 15(1) tal-Kap. 65 (Sewqan Mingħajr liċenzja)**

Mill-provi prodotti, partikolarment mill-affidavit ta' Kenneth Pace, jirriżulta li l-akkużat m'għandux u lanqas qatt kellu liċenzja tas-sewqan Maltija.  Għalhekk effettivament dakinhar tat-30 ta' Diċembru 2023 huwa kien qed isuq il-vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan valida.  **Għalhekk is-seba' (7) akkuża ġiet pruvata**.

- **It-Tmien Akkuża – Artikolu 3(1) tal-Kap. 104**

La darba wkoll l-akkużat kien qiegħed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan ifisser wkoll li l-akkużat ma setax kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni valida. Dan in vista tal-pronunċjamenti konsistenti da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi fosthom **Il-Pulizija vs Mohammed Knaan**.[12] Kif ingħad f'dawn is-sentenzi persuna li ma jkollhiex liċenzja tas-sewqan ma tistax titqies li tkun koperta b'polza ta' assikurazzjoni valida hekk kif rikjest mill-artikolu 3(1) tal-Kap. 104. Biex tiġi eliminata r-responsabbilita kriminali b'rabta mar-reat ipotizzat fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, l-akkużat **ried attivament jipprova** illi kien personalment kopert taħt il-polza tal-assikurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura minkejja li huwa f'dak iż-żmien kien sprovvist mil-liċenzja tas-sewqan. Dan huwa fl-aħħar mill-aħħar dak li jirrikjedi l-leġislatur fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104: illi l-polza ta' assikurazzjoni tkun tkopri il-persuna li tkun effettivament qiegħda tuża l-vettura.

Fil-każ in eżami l-akkużat din il-prova ma ġabhiex. Sostna li tali prova riedet tagħmilha l-Prosekuzzjoni. Madanakollu din il-Qorti tqis li fil-każ in eżami u anke in linea ma' dak li jistabilixxi l-artikolu 3(1A) tal-Kap. 104 l-oneru ta' din il-prova kien jispetta lill-akkużat. Dan l-oneru l-akkużat ma skarikahx u allura din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li issib **ħtija wkoll ta' din it-tmien (8) akkuża**. Dan għaliex kif ġia senjalat fiż-żmien li seħħ il-każ, l-akkużat kien qed isuq vettura meta ma kellux liċenzja tas-sewqan u allura ma setax kien adegwatament kopert hekk kif jimponi l-leġislatur fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104.

---

[12] Deċiża fis-7 ta' Frar 2023.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) akkuża u għalhekk qed tilliberah minnhom;

(b) wara li rat l-artikoli 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a), 15(3), 15A(1), 15B(1) 15H(1), 15H(2) u 15I(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-regolament 68 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u l-artikolu 3(1), 3(1A) u 3(2)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta **<u>qed issib lill-akkużat ħati</u>** tat-tieni (2), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitta (6), tas-sebgħa (7) u tat-tmien (8) akkużi u qed tikkundannah għal **<u>multa komplessiva ta' tlett elef u tlett mitt ewro (€ 3,300).</u>**

In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12) -il xahar mil-lum.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**